Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 28/2014

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol numru 3143 bejn:**

**Joseph Baldacchino** (appellat)

**u**

**F.S. Engineering & Plastics Ltd** (appellanti)

Il-Gimgha, 7 ta' Ottubru 2016

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Joseph Baldacchino tat-12 ta' Lulju 2013 quddiem it-Tribunal Industrijali permezz ta' liema huwa ppremetta illi (i) sa mill-4 ta' Novembru 2009 huwa kien impjegat fuq kuntratt indefinit fuq bazi *full time* mas-socjeta' ntimata bhala *Toolmaker/Handy Person/Maintenance*; (ii) permezz ta' ittra datata 14 ta' Ġunju 2013 u iffirmata mid-Direttur taghha s-Sur Frank Saliba, s-socjeta' ntimata nfurmatu li b'effett mill-istess data l-impjieg tieghu kien qieghed jigi terminat fuq bazi ta' nuqqas ta' xoghol; (iii) fil-fehma tar-rikorrent it-terminazzjoni tal-impjieg tieghu ma sarx għal raguni valida skont il-ligi peress illi erbat'ijiem qabel id-data tal-ittra tat-temm tal-impjieg, huwa u s-Sur Frank Saliba kellhom argument shun hafna bejniethom, fejn anki kellmu hazin lil xulxin. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk huwa sabha bi tqila hafna biex jemmen li l-impjieg tieghu verament gie mitmum minhabba nuqqas ta' xoghol u mhux minhabba l-argument shun ta' bejniethom.

Rat ir-risposta tas-socjeta' ntimata tal-15 t'Ottubru 2013[1] permezz ta' liema eccepiet (i) preliminarjament in-nullita' tar-rikors promotur stante li l-isem tas-socjeta' kif ndikat mir-rikorrent bhala Engineering and Plastics Ltd ma jezistix; (ii) bla pregudizzju, r-rikorrent kien impjegat ma' F.S. Engineering and Plastics Ltd; (iii) it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent minn ma' F.S. Engineering and Plastics Ltd kien rizultat ta' *redundancy* u t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-principal sempliciment ezercita d-dritt tieghu li jaghmel il-pozizzjoni ta' *Toolmaker/Handy Person/ Maintenance 'redundant'*.

[1] Fol 6.

Rat id-digriet tat-Tribunal tal-21 ta' Novembru 2013[2] permezz ta' liema giet ordnata korrezzjoni fl-isem tas-socjeta' ntimata fl-atti.

Rat id-decizjoni tat-Tribunal tas-6 ta' Novembru 2014 li fiha gie deciz hekk:

*"**Decizjoni:***
*Wara li sema' x-xhieda kollha prodotti, evalwa d-dokumenti u t-trattazzjonijiet tal-partijiet, it-Tribunal jiddeciedi illi t-tmiem tal-impjieg tar-rikorrenti ma kienx jaqa' taht ir-raguni ta' redundancy u ghaldaqstant jiddeciedi illi t-terminazzjoni mill-impieg kienet wahda ingusta.*

***Kumpens:***
*Wara li qies il-fatti kollha tal-kaz, l-eta` tar-rikorrenti u kif ukoll il-potenzjal tieghu ghax-xoghol it-Tribunal jiddeciedi sabiex jordna lis-socjeta` intimata illi taghti kumpens ta' tletin elf ewro (€30,000) lir-rikorrenti illi ghandhom jithallsu fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni."*

Dan wara li l-istess Tribunal ikkunsidra li:

i. B'referenza ghall-principji stabbiliti fil-gurisprudenza, il-principal ma ppruvax bic-car illi t-terminazzjoni mill-impjieg kienet genwinament rizultat ta' *redundancy*;

ii. Ma gew ipprezentati l-ebda provi li x-xoghol verament naqas jew illi kienu jezistu problemi finanzjarji fil-kumpanija;

iii. Ma saret l-ebda diskussjoni mar-rikorrent sabiex possibilment jintlahaq ftehim fuq xoghol alternattiv. Principal responsabbli u ta' kuxjenza iqis kollox qabel jaghmel persuna *redundant*, specjalment tenut kont l-eta`tar-rikorrenti u t-tip ta' xoghol li kien jaghmel;

iv. Mill-mod kif graw l-affarijiet jidher li jista' jkun hemm ness bejn l-argument li sehh bejn il-partijiet ftit tal-jiem qabel it-tkeccija. Huwa stramb illi dakinhar illi r-rikorrent talab il-*leave* sabiex imur jara lil ibnu l-isptar id-Direttur qallu li tant mhux ser ihallih jitlaq bil-*leave* izda talli ser izommu *overtime*, imbaghad ftit tal-jiem wara qallu li tant naqaslu x-xoghol li ser jaghmlu *redundant;*

v. Apparti dan, is-socjeta` intimata ma hijiex wahda zghira u timpjega madwar erbghin ruh. Ghalhekk kif jista' Direttur jaghmel xoghol li kien isir mir-rikorrenti b'erbghin siegha fil-gimgha bhala delizzju meta dan ghandu l-operat tal-kumpannija kif ukoll erbghin haddiem x'jiehu hsieb;

vi. In vista ta' dan kollu l-linji gwida zviluppati mill-kazistika ma humiex sodisfatti.

Is-socjeta' ntimata appellat minn din is-sentenza. Ir-rikorrent appellat wiegeb[3]. Waqt is-seduta tal-24 ta' Gunju 2016 dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri u saret trattazzjoni[4].

Il-Qorti rat l-atti.

---

[2] Fol 11.

[3] Fol 16 *et seq*.

[4] Fol 32.

L-appellat isostni li l-appell mhuwiex wiehed bazat fuq punt ta' ligi izda biss fuq punti ta' fatt. Apparti dan, uhud mill-aspetti ta' dan l-appell huma mibnija fuq argumenti u dokumenti godda li ma tressqux quddiem it-Tribunal, li jirrendihom ghalhekk inammissibli skont il-ligi.

## Konsiderazzjoni.

Bhala qorti ta' revizjoni din il-qorti tiskrutinja l-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjonijiet tal-qrati fil-prim'istanza, tribunali jew bordijiet, fil-parametri tal-ligi applikabbli, sabiex jigi determinat jekk id-decizjoni kinitx ragonevoli u tiddetermina jekk sehhitx xi ngustizzja manifesta ma' xi parti jew ohra. Certament izda li dan l-iskrutinju revizorju huwa permissibbli fil-kuntest biss tal-atti li a bazi taghhom tkun ittiehdet id-decizjoni fil-prim istanza. M'huwiex koncess f'dan l-istadju tal-proceduri li jitressqu provi jew argumenti godda li jistghu jissorprendu lill-kontro-parti u jippregudikaw id-dritt taghha tad-*doppio esame* tal-partijiet hlief fil-kazijiet eccezzjonali elenkati fil-ligi procedurali. Kif qalet din il-Qorti fil-kaz **Atlas Insurance PCC Ltd pro et noe vs Anthony Sacco deciz fit-2 t'Ottubru 2009**[5] –

*"A propositu ta' dan gie minn din il-Qorti kif presjeduta deciz dan li jsegwi:-*

*"Jibda biex jinghad b'introduzzjoni illi l-appell hu mezz koncess ghal fini illi l-appellanti, bl-aggravju tieghu, jirrimetti in diskussjoni fil-konfront tal-parti avversarja l-oggett tal-provvediment jew tas-sentenza tal-qorti jew tribunal ta' l-ewwel grad. In kwantu tali, ma tistax tammetti illi l-appellanti jressaq quddiemha domandi taht forma ta' gravami li jintroducu fatti u cirkostanzi, anke guridici, li ma gewx allegati u definiti fl-ewwel istanza. Dan ghal raguni illi jekk jithalla jsir dan, jigi introdott fil-process fl-istadju ta' l-appell tema gdida ta' indagini u ta' decizjoni li taltera l-oggett sostanzjali tat-termini tal-kontroversja quddiem l-ewwel tribunal. Dan certament mhux lecitu li jsir in kwantu Qorti ta' Appell b'funzjoni esklussiva li tirrevedi l-process issir hi stess qorti ta' l-ewwel istanza u dan iwassal ghal stultifikar tas-sistema gudizzjarja" ("**Anthony Zarb -vs- Kummissarju tatTaxxa fuq il-Valur Mizjud**", Appell Inferjuri, 30 ta' April, 2008)."*

Imbaghad u specifikatament fil-kaz ta' appelli mid-decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali, l-iskrutinju ta' din il-Qorti huwa limitat biss ghal aggravji fuq punti ta' dritt.

Kif intqal minn din il-Qorti fil-**Kwistjoni tax-Xoghol bejn Publius Davison vs De La Rue Currency and Security Print Ltd fis-27 t'April 2016** –

"*Skont is-subinciz (3) tal-artikolu 82 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta) fil-kazi ta' tkeccija minghajr kawza gusta ikun hemm dritt ta' appell biss fuq punt ta' ligi.*

*Fil-kaz **Kenneth Vella vs Seabank Catering Co. Ltd deciza fit-23 ta' Mejju 2008**[6] gie ritenut hekk:*

*"Hu principju ripetutament affermat minn din il-Qorti illi l-punt ta' ligi li jirrendi ammissibbli l-impunjattiva tas-sentenza moghtija mit-Tribunal adit, jew, del resto wkoll, minn tribunali jew bordijiet ohra fejn id-dritt ta' l-appell hu hekk limitat ghal "punt ta' ligi", irid ikun dak ta' vjolazzjoni jew ta' applikazzjoni falza tal-punt ta' dritt. Fi kliem iehor, l-aggravju jrid jippostula sew l-allegazzjoni esplicita tal-punt ta' dritt applikat fir-rigward ta' l-elementi tal-provi accertati,…..".*

---

[5] Rik Nru 28/07.

[6] Appell Inferjuri Nru 38/2007.

**L-ewwel aggravju.**

L-appellanti tilmenta mill-konsiderazzjoni tat-Tribunal meta staqsa jekk verament kienx hemm nuqqas ta' xoghol tali li rrizulta fi dhul finanzjarju anqas b'rizultat li pogga f'riskju l-impieg tal-haddiema.

Il-Qorti ssib li dan l-aggravju flimkien mal-argumenti mressqa in sostenn tieghu ma jqajmux punti ta' ligi izda ta' fatt, b'uhud minnhom bazati fuq dokumenti godda u argumentazzjoni li sahansittra tiddipartixxi mill-linja difensjonali mressqa minnha fl-istadju tal-provi quddiem it-Tribunal. Infatti:

1. It-Tribunal kellu ragun ipoggi l-kwezit dwar x'ness seta' kien hemm bejn l-allegat tnaqqis fix-xoghol, l-impatt finanzjarju li *se mai* dan seta' kellu fuq is-socjeta' u kif dan kien jimpingi fuq il-futur tal-impieg tal-haddiema. Dan ghaliex quddiem it-Tribunal l-appellanti ma ghamlet ebda tentattiv li ggib xi prova dwar dan l-aspett. L-uniku argument li s-socjeta' appellanti ressqet quddiem it-Tribunal kienet biss dikjarazzjoni vaga, ghalkemm guramentata, li naqsilha ix-xoghol u li m'ghandhiex xoghol bizzejjed[7]. Huwa inutli li s-socjeta' appellanti tipprezenta l-kaz taghha fl-appell u f'tentattiv ovvju li tindirizza n-nuqqas taghha li tikkonvinci lit-Tribunal dwar dan l-aspett, tigi issa tintroduci ittra[8], li ghalkemm miktuba wara d-decizjoni tal-istess Tribunal, qeghda tirreferi ghal eventi li sehhew qabel ma kienu bdew il-proceduri. F'kull kaz, il-Qorti ma tifhimx x'ghajnuna jista' jkollu l-kontenut ta' din l-ittra ghat-tezi tal-appellanti f'dawn il-proceduri stante li ma ntweriex quddiem it-Tribunal kif kancellament ta' ordni wahda minn klijent wiehed kellu jwassal ghar-*redundandancy* tar-rikorrent, u tar-rikorrent biss, meta mix-xhieda mhux kontradetta tieghu quddiem it-Tribunal irrizulta li fil-kors kollu tal-impjieg tieghu huwa kien mhux biss jaghmel xoghlijiet varji fil-kumpanija[9] izda bl-ammont ta' xoghol li kellu huwa f'ebda hin ma kien ikun wieqaf – *"Jiena kont ghaddej gas down il-hin kollu, kont bla waqfien….il-hin kollu sejjer, dejjem isibuli x'naghmel[10]."* Inoltre la skont id-direttur tas-socjeta' appellanti quddiem it-Tribunal, id-decizjoni tieghu li jabolixxi l-pozizzjoni li kien jokkupa r-rikorrent kien hadha xi xahar qabel ma waqqfu mix-xoghol[11], *ergo* ghal habta ta' nofs Mejju 2013, il-kancellament ta' din l-ordni ghal makkinarju f'nofs Gunju 2013 mhux suppost kellha effett fuq id-decizjoni tieghu. Thares minn fejn thares lejhom ghalhekk, l-argumenti tas-socjeta' appellanti ma jistghux hlief ikomplu jnaqqsu l-kredibilita' taghha li l-vera raguni ghat-tkeccija tar-rikorrent ma kellha x'taqsam xejn ma' *redundancy*;

[7] Xhieda ta' Frank Saliba, Direttur, a fol 14.

[8] Fol 13 - Ittra datata 12 ta' Novembru 2014 a fol 13.

[9] Xhieda tar-rikorrent a fol 23 – *"Jiena propja kont impjegat bhala tool maker, handyman u maintenance, pero' kont naghmel kollox, anke kahhalt u bajjadt, kollox kont naghmel, xoghol tad-dawl."*

[10] fol 25.

[11] Fol 15 u 16.

2. Ghal dak li hu mpatt finanzjarju li dan is-suppost telfien ta' xoghol kellu fuq is-socjeta' llum appellanti, lanqas huwa permess f'dan l-istadju tal-proceduri li hija tipprova tissostanzja dan il-punt ta' fatt bi prova gdida - u ghalhekk inammissibbli fi kwalunkwe kaz - tal-kontijiet taghha ghas-snin precedenti ghat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent, liema prova kienet certament ghand l-appellanti fl-istadju tal-provi quddiem it-Tribunal. FS Engineering Ltd kellha l-obbligu li tressaq provi konkreti tal-allegati diffikultajiet li kienet qed thabbat maghhom mil-lat ta' xoghol anke billi tidhol fl-aspett finanzjarju taghhom. La dan m'ghamlitux fil-mument propizju quddiem it-Tribunal, dan in-nuqqas ma jistax jigi sanat fl-appell;

3. M'hemmx dubju li sabiex titqies gustifikabbli terminazzjoni ta' mpieg a bazi ta' *redundancy*, min ihaddem irid juri b'fatti konkreti, u mhux biss bil-kliem, li x-xoghol naqaslu tant li ma kellux alternattiva ohra ghajr li jnaqqas il-haddiema. Il-konkluzjoni tat-Tribunal fil-kaz odjern, bazata fuq il-provi mressqa u l-principji legali applikabbli kienet li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent ma kinitx wahda genwinament rizultat ta' *redundancy*. Il-bqija tal-argumenti mressqa f'dan l-aggravju mis-socjeta' appellanti huma kjarament intizi li jipproponu ndagini mill-gdid dwar jekk it-Tribunal ghamilx evalwazzjoni korretta tal-provi li a bazi taghhom l-appellanti tippretendi li kellhom iwassluh ghal konkluzjoni li dan kien kaz genwin ta' redundancy;

4. Sahanasitra r-rikorrenti ssostni li bir-rifjut tar-rikorrent li jahdem *overtime* meta kien hemm bzonn mhux talli huwa stess ikkontribwixxa ghan-nuqqas ta' xoghol fil-kumpanija talli dan l-agir tieghu sewa lis-socjeta' appellanti anke *"danni*[12]*"*. Argument li fih innifsu hu ammissjoni li kien hemm xoghol bizzejjed fis-socjeta' tant li kien hemm htiega ta' sahra. Dan apparti li fil-provi quddiem it-Tribunal ma giex argumentat li r-rikorrent personalment kien b'xi mod jahti ghal xi tnaqqis ta' xoghol fil-kumpanija;

5. Hu minnu li tkeccija ta' impjegati ghar-raguni ta' *redundancy* tista' tigi kawzata kemm f'kaz li jonqos ix-xoghol jew minhabba ragunijiet ta' vijabilita' ekonomika jew ristrutturar. Quddiem it-Tribunal is-socjeta' appellanti ma nvokat ebda ristrutturar generali tal-haddiema u lanqas uriet li l-vijabilita' ekonomika tal-kumpanija in generali kienet f'perikolu. F'kull kaz u ghal darb'ohra dawn huma kwistjonijiet ta' fatt li kellhom jigu ventilati quddiem it-Tribunal u mhux quddiem din il-Qorti.

Dan l-aggravju ghalhekk ma jippostula ebda principju ta' dritt li jimmerita l-indagini ta' din il-Qorti u ghaldaqstant huwa inattendibbli.

**It-tieni aggravju.**

L-appellanti tippersisti b'argumenti bazati fuq insinwazzjonijiet ta' natura fattwali dwar eventi li sehhew fil-granet qabel it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent. X'inhu l-punt legali li s-socjeta' appellanti riedet tislet minn dan kollu ma jirrizultax. F'kull kaz, il-prova li fil-fehma tas-socjeta' llum appellanti r-rikorrent kien imissu gab biex jitlaq minn fuq ix-xoghol dakinhar li sehh l-argument hija materja li, jekk riedet, hija setghet tinsisti dwarha quddiem it-Tribunal.

[12] Fol 3.

Barra min hekk, u minghajr ma tintrometti fid-diskrezzjoni tal-apprezzament tal-provi tat-Tribunal jew li tippronunzja ruhha fuq il-provi ta' fatt infushom, il-Qorti ma tistax ma tosservax li bl-argumenti taghha stess is-socjeta' appellanti qeghda:

i. tikkonvalida r-ragunament tat-Tribunal li probabilment veru kien hemm ness bejn it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent u l-argument li kien hemm bejnu u bejn id-Direttur tenut kont li f'dan l-appell qeghda tghid li meta l-impieg tar-rikorrent twaqqaf b'effett immedjat ftit jiem wara dan l-argument, ir-raguni li minhabba fiha lanqas biss intalab jahdem in-*notice* (izda thallas tieghu) kien li l-attegjament tar-rikorrent fil-konfront tal-principal tieghu waqt dan l-argument ma kienx wiehed idoneu. Fi kwalunkwe kaz, provi dwar dan il-punt partikolari ma tressqux;

ii. tikkontradixxi l-pozizzjoni originali taghha li sostniet anke quddiem it-Tribunal dwar ir-*redundancy* bhala l-kawza unika tat-terminazzjoni tal-impjieg. Filwaqt li quddiem it-Tribunal hija emfatikament argumentat li tant kien naqsilha x-xoghol illi setghu jghaddu minghajr ir-rikorrent u li xoghlu beda jaghmlu d-Direttur tal-Kumpanija bhala "delizzju"[13], quddiem din il-Qorti s-socjeta' appellanti qeghda tghid hi stess li ftit granet qabel ma kecciet lir-rikorrent tant kien hemm xoghol li d-direttur tal-Kumpanija argumenta mar-rikorrent ghax riedu akkost ta' kollox jahdem bis-sahra, u li addirittura wara l-argument huwa baghat lir-rikorrent ikompli b'xoghlu *"peress li kien hemm hafna xoghol"*[14].

Kull kumment iehor f'dan l-istadju huwa superfluwu.

Dan l-aggravju ghalhekk, bazat unikament fuq kunsiderazzjonijiet ta' fatt, huwa wkoll inattendibbli ma jimmeritax li jigi ezaminat ulterjorment.

**<u>It-tielet aggravju.</u>**

Is-socjeta' appellanti tilmenta li t-Tribunal ma laqax it-tezi taghha li t-tkeccija tar-rikorrent kienet biss rizultat ta' *redundancy* ghax dehrlu li l-istess socjeta' ma ddiskutietx alternattivi ta' xoghol mar-rikorrent. Is-socjeta' appellanti terga' ssostni li hija ma kien fadlilha ebda xoghol li jkopri l-funzjoni tieghu fl-azjenda bhala *toolmaker/handyperson/maintenance*. Il-Qorti terga' tqis li apparti li dawn l-argumenti kollha huma bazati biss fuq allegazzjonijiet ta' fatt li dwarhom m'hemmx dritt ta' appell, huma wkoll mizjuda b'argumenti li la qatt tqajmu u lanqas gew pruvati quddiem it-Tribunal. Imkien fil-prim istanza ma gie argumentat jew pruvat li f'dik l-epoka, f'taqsima partikolari tas-socjeta' appellanti kien twaqqaf l-*overtime* kollu u li rrizenjaw numru ta' mpjegati li ma gewx sostitwiti. Jekk is-socjeta' appellanti riedet tissottometti provi dwar dan kellha l-opportunita' li taghmel hekk quddiem it-Tribunal u mhux issa.

Inoltre, huwa minnu li *obiter* it-Tribunal ikkummenta li principal ta' kuxjenza jaghmel kull sforz qabel ma jwaqqaf impjegat mix-xoghol u dan b'kuntrast mal-attegjament tas-socjeta' appellanti li lanqas biss uriet l-interess li toffri alternattiva lir-rikorrent. Izda b'dan il-kliem it-

[13] Fol 15.

[14] Fol 4 – para 4.

Tribunal ma kienx qieghed jissostitwixxi r-responsabiltajiet legali tas-socjeta' appellanti ma' dawk morali. Infatti, kuntrarjament ghal dak insinwat mis-socjeta' appellanti, d-decizjoni finali tat-Tribunal ma kinitx bazata fuq nuqqasijiet ta' obbligi morali tas-socjeta' appellanti izda purament fuq nuqqas ta' ottempranza mal-obbligi legali li kellha tosserva s-socjeta' qabel ma ddecidiet li tiddikjara lir-rikorrent *redundant*. It-Tribunal gustament elenka l-kriterji legali li ghandhom jigu evalwati f'kuntest ta' kaz ta' *redundancy* kif zviluppati fil-gurisprudenza. Bazat fuq dawn il-kriterji legali/gurisprudenzjali, t-Tribunal primarjament sab li:

i. ma ngiebet ebda prova li x-xoghol fis-socjeta' appellanti kien verament naqas jew li hija kienet qeghda tiffaccja xi diffikultajiet finanzjarji;

ii. il-provi jippuntaw lejn ness bejn it-tkeccija u argument li sehh bejn il-partjiet xi jiem qabel;

iii. il-provi kixfu anomalija fit-tezi tas-socjeta' appellanti ghax f'temp ta' ftit jiem l-ewwel qalu lir-rikorrent biex ma johrogx bil-*leave* ghax hemm bzonn is-sahra imbaghad infurmawh li tant naqas ix-xoghol li kienu ser jaghmluh *redundant;*

iv. kien inverosimili li d-direttur tas-socjeta' appellanti jiddikjara li huwa kien assorba mpjieg *full time* tar-rikorrent u addirittura jezercitah fi kliemu bhala delizzju meta huwa kellu wkoll ir-responsabilta' tal-operat shih tal-kumpanija u tal-haddiema l-ohra.

Ebda argument imressaq mis-socjeta' appellanti ma jista' jeghleb il-konkluzjoni tat-Tribunal li ma kienx hemm bazi ta' *redundancy* skont il-ligi. Din il-Qorti ma tistax hlief tikkondividi mal-konkluzjonijiet tat-Tribunal u tikkonferma l-korrettezza ta' tali decizjoni.

Lanqas il-kumpens akkordat mit-Tribunal ghat-tkeccija misjuba ngusta ma kien ghalhekk moghti ghal ragunijiet morali kif qeghda tinsinwa s-socjeta' appellanti, izda dan sar fuq bazi legali fil-parametri tal-indikaturi stabbiliti fl-artiklu 81 (2) tal-Kap 452 wara li gew meqjusa l-fatti kollha tal-kaz, l-eta' tar-rikorrent u l-potenzjal tieghu ghax-xoghol. Il-*quantum* tal-paga' li r-rikorrent kien jippercepixxi kull gimgha[15] ukoll kien a dispozizzjoni tat-Tribunal. Il-Qorti tqis li l-ilment tas-socjeta' appellanti f'dan il-kuntest huwa sostanzjalment dwar il-gudizzju ta' fatt li wasal ghalih it-Tribunal meta huwa illikwida l-kumpens dovut lill-appellat. Jirrizulta li l-ezercizzju li ghamel it-Tribunal ghalhekk ma kienx hlief decizjoni li ghamel fuq fatti li rrizultaw mill-provi u l-applikazzjoni tad-diskrezzjoni moghtija lilu mill-ligi ghal dawk l-istess fatti fir-rigward tal-kumpens misthoqq. F'kull kaz u kif gie ripetutament ribadit:

*"...hi l-prattika kostanti illi Qorti fi grad ta' appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' l-ewwel tribunal dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens, sakemm dan ma jirrizultalhiex li hu manifestament zbaljat, jew ghal xi raguni ohra gravi. Ara fost ohrajn, "**Joan Zammit vs- S. Borg & Sons Ltd",** Appell, 19 ta' Ottubru, 2005."* [16]

---

[15] Fol 30.

[16] **Godwin Vassallo vs Vittoriosa Gaming Ltd** – Qorti tal-Appell (Inferjuri) deciza fit-28 ta' Marzu 2008. Rik Nru 25/07.

L-inattendibilita’ ta’ dan l-aggravju ghall-istess ragunijiet ta’ dawk ta’ qablu hija wkoll manifesta.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta appellanti. Peress li tqies li l-appell hu fieragh, tikkundanna lill-appellanti thallas lill-appellat l-ispejjez ghal darbtejn (Artikolu 223(4) tal-Kap. 12).**

Anthony Ellul